# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 516/2018 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**SO**

**Vs**

**SM**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' SO datat 22 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fl-Ibragg limiti tas-Swieqi fil-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija wiehed u tmenin (25.10.1981) skond ic-certifikat numru tnejn tnejn zero disgha tas-sena elf disgha mija wiehed u tmenin (2209/1981) (Dok A).*

2. *Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal (2), illum maggorenni.*

3. *Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt ta' firda personali datat sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru elfejn u tmitax (2018) fl-atti tan-Nutar Anthony Abela (Dok B).*

4. *Illi l-partijiet ilhom jghixu b'mod separat ghal aktar minn tnax-il sena (12) precedenti ghas-separazzjoni.*

5. *Illi l-partijiet kienu rrinunzjaw ghal kull obbligu ta' manteniment reciproku bejniethom.*

6. *Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li tirrikjedi l-ligi sabiex jigi pronunzjat id-divorzju u cioe skond l-Art 66B tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tordna l-hall taz-zwieg taghhom minnhom kuntrattat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elf disa mija wiehed u tmenin (25/10/1981)*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-divorzju tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat millum ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**OS** xehdet a fol 12 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fil-25 t'Ottubru 1981 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-26 t'Ottubru 2018 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, u dan wara li l-partijiet kienu ilhom diga jghixu separatament ghal ferm aktar minn erba' snin, wara li l-intimat telaq mid-dar matrimonjali f'Marzu tas-sena 2000. Xehdet illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt itfal li llum il-gurnata ghandhom aktar minn tlieta u ghoxrin sena. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MS** xehed a fol 16 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi wara z-zwieg taghhom tal-25 ta' Ottubru 1981 (vide Dok A certifikat taz-zwieg a fol 3), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 26

ta' Ottubru 2018, fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Abela, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide Dok B a fol 4 et seqq.). Jirrizulta wkoll li ilhom jghixu separatament ghal aktar minn tmintax (18) – il sena. Minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied, illum maggorenni.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**